WALTER CAMILLERI
6, "WALTROSE" Triq it-Turretta, Santa Venera. SVR 1370 MALTA (Tel. 21 488 113)

Lill-President ta' Malta
L-Eċċellenza Tiegħu Dr. George Vella
Uffiċċju tal-President (San Anton)
P.O. Box 40.

SUĠĠETT: RIFORMA KOSTITUZZJONALI

DATA: L-Ewwel ta' Settembru 2019

Eċċellenza Sur President,

1. Il-poplu Malti, riċentament kien mitlub, biex jekk irid, juri l-opinjoni u x-xewqat tiegħu dwar xi riformi fil-Kostituzzjoni ta' Malta li jixtieq jara "entrenched" fiha. Mhux kompetenti fis-suġġett, għalkemm nifhem x'qed jintqal u jinkiteb. Nixtieq li tagħtuni ftit spazju bħala ċittadin li ninteressa ruħi f'dak kollu li hu MALTI. Grazzi.

2. Is-suġġeriment tiegħi f'din l-ittra hu limitat biss fuq Il-JUM jew JIEM NAZZJONALI TA' MALTA, xi ħaġa li ilha tagħtini fastidju s-snin għal bosta raġunijiet!!

3. Dwar Il-FESTI NAZZJONALI TA' MALTA ktibt kemm-il darba. Biżżejjed tara l-ittri fil-gazzetti u oħrajn hawn annessi:

—/P2

A) Erba' ittri fil-gazzetta IL-MUMENT (19 ta' April 2009, p.20; 06 ta' Jannar 2013, p.16; 07 ta' Lulju 2013, p.17; 07 ta' Mar 2016, p.25 — (A) (B) (C) (D) rispettivament hawn annessi.

B) Ittra kamenċ bit-titlu IL-JIEM – FESTI NAZZJONALI TA' MALTA, indirizzata lill-Kap tal-Partit Laburista u oħra identika lill-Kap tal-Partit Nazzjonalista, iż-żewġ ittri datati 11 ta' Settembru 2013. — (E) (F) rispettivament hawn annessi.

C) Ittra lill-Prof. Oliver Friggieri « President tal-Kumitat Governattiv » FONDAZZJONI FESTI NAZZJONALI (OPM) datata 07 ta' Ottubru 2013. (G) hawn annessa.

D) Ittra datata 12 ta' Ottubru 2013 indirizzata lill-Onorevoli Prim Ministru Dr. Joseph Muscat. (H) hawn annessa.

4. Intenni x-xewqa tiegħi, Sur President, li mhux is-Solennità tal-Knisja fostna malbin u Għawdxin tal-Appostlu Missierna San Pawl u l-Magħmudija tagħna fi Kristu Ġesù Sidna kif kwotati fl-Atti tal-Appostli tal-Kotba Mqaddsa (10 ta' Frar ta' kull sena), dan il-jum ingħaddes ikun ~~iktar~~ JUM NAZZJONALI u "entrenched" fil-kostituzzjoni tagħna, ma' dawk il-jiem magħbula mill-partijiet konċernati f'din ir-riforma kostituzzjonali, preferibbilment mal-jiem tal-21 ta' Settembru u dak tat-13 ta' Diċembru. Ma nemsewx, li SAN PAWL MISSIERNA fdgħaqgadna aktar jista' u mhux jifridna! Is-Sliem għalikom.

Tiegħek dejjem (signature) (ID 827446(M))